# ĠULJU CESRI

ta' W. Shakespeare
(Qlib ta' *Valentin V. Barbara, O.P.*)

## L-EWWEL ATT

### Dehra I. Triq f'Ruma.

*Jidħlu* FLAVJU, MARULLU, *u xi NIES OĦRAJN*

FLAV. Isaw! Id-dar, ja għażżenin, id-dar!
Ewwilla btala l-lum? Kif? ma tafux,
Bħala ħaddiema, li m'għandkomx toħorġu
Barra, fil-jiem tax-xogħ'l, mingħajr l-ilbies
Tas-sengħa tagħkom? Tkellem, x'sengħa għandek?

ĦADDIEM I. Sinjur, jien mastrudaxxa.

MAR. Fejn hu l-fardal tal-ġild? Fejn hu l-qies tiegħek?
Għala xeddejt l-aħjar ilbies li għandek?
U int, int x'sengħa għandek?

ĦADD. II. Tabilħaqq, sinjur, jekk tqisni ma' min għandu xogħol pulit, wieħed jista' jgħid li minix ħlief skarpar.

MAR. Iżda weġibni sewwa, x'sengħa għandek?

ĦADD. II. Sengħa, sinjur, li, kif naħseb, nista' nħaddem mingħajr tingiż fil-kuxjenza; irrid ngħid, sinjur, jien nirranġa xi wiċċ ħażin.

MAR. Iżda x'sengħa hi, ħażin li int, x'sengħa hi?

ĦADD. II. Le, sinjur, la toħroġx il-għadab tiegħek għalija; madankollu jekk int toħroġ, sinjur, jien nista' nirranġak.

MAR. Xi trid tgħid b'dan, ja kiesaħ, tirranġani!

ĦADD. II. Mela, sinjur, nirranġalek iż-żarbun.

FLAV. Mela int skarpar, hux hekk?

ĦADD. II. Ngħidlek is-sew, sinjur, il-għajxien tiegħi jien naqilgħu mhux b'ħaġ'oħra għajr bix-xifa: jien ma ntaqqablekx widnejk bi klimijiet fuq ħwejjeġ ir-rġiel jew in-nisa, iżda bix-xifa. Tabilħaqq, sinjur, jien tabib taż-żraben qodma; meta jkunu tħassru, jien niġborhom. Mix-xogħol ta' jdejja min jaf kemm għaddew nies minn tagħna li jxiddu ż-żarbun.

FLAV. Mela għaliex il-lum mintix f'ħanutek?
Għaliex q'egħed itterraq lil dan-nies?

ĦADD. II. Ngħidlek is-sew, sinjur, biex iqattgħu ż-żraben tagħhom, u hekk jidħolli xogħol aktar. Iżda tabilħaqq, sinjur, il-lum ħadnieha btala biex naraw lil Ċesri, u nifirħu fir-rebħ tiegħu.

MAR. Għala tifirħu? Liema rebħ ġieb miegħu?
U liema ħaraġ miexi wrajh ġo Ruma
Sabiex iżejjen, b'dak ir-rbit tal-jasar,

Id-dawwariet tal-mirkeb tal-ġlied tiegħu?
Ja ġebel żonqor, agħar mill-ħwejjeġ mejta!
Ja qlub wisq iebsa, nies ħarxin ta' Ruma,
Ma kontux tafu lil Pompew? Kemm drabi
Tlajtu tixxabbtu mal-ħitan u s-swar,
Mat-twieqi u t-torrijiet, sa fuq iċ-ċmiemen,
Bit-trabi fuq dirgħajkom, w hemmhekk bqajtu
Ġurnata sħiħa tistennew bis-sabar
Lil-kbir Pompew għaddej minn ġo nofs Ruma;
U malli biss ilmaħtu l-mirkeb tiegħu,
Mhux intom ħriġtu b'għajta għalenija,
Li t-Tevri triegħdet taħt il-plajja tagħha
Biex tisma' d-diwi minn tal-għajat tagħkom
Imwassal sa fix-xtut imħaffra tagħha?
W intom ilbistu l-lum l-aħjar ilbies?
W intom għażiltu dan il-jum bi btala?
W intom il-lum it-triq bil-ward tifirxu
F'ġieh dak li ġej rebbieħ fuq demm Pompew?
Isaw!
Iġru lejn djarkom, inżlu għarkobbtejkom,
Itolbu li l-allat ma jixħtux fuqna
Il-ħlas li ħaqqna għal din l-ebusija.
FLAV. Immorru, l-aħwa, immorru, w għal dil-ħtija
Iġbdu warajkom lil kull min hu bħalkom;
Ħuduhom f'xatt it-Tevri, u xerrdu dmugħkom
Fl-ilma tax-xmara, sakemm l-iċken moġra
Titla' titbewwes max-xtut l-aktar għolja.

*(Joħorġu n-nies)*

Ara, jekk jitqanqlux fl-agħar ħsus minn tagħhom;
Jitbiegħdu siekta għax j'għarfu l-ħtija tagħhom.
Iss'int aqbad it-triq tal-Kapitolju;
Jien ninżel minn dit-triq; neżżа' kull xbiha
Li ssib imlibbsa b'xi tiżjin ta' qima.
MAR. Dan tista' tagħmlu?
Int taf li l-lum hu għid il-Luperkalja.
FLAV. La tħabbilx rasek; ħalli ebda xbiha
Imżejna b'ġieh iċ-Ċesri. Jiena nfittex
Li nwarrab mit-triqat lit-tajfa belha;
Hekk agħmel int kull fejn issib miġemgħa.
Dar-rix imnittef kmieni minn ġwenħajh
Iżommu li ma jtirx fil-għoli bosta,
Inkella jibqa' tiela' sa fuq rasna,
U jżommna taħtu l-koll f'biża' bħar-rsiera.

*(Joħorġu)*